# Paul Cuschieri *(1912-1992)* jew aħjar 'Is-Sur Pawl'

## *Spiżjar maħbub fil-Mosta u fl-Irħula tal-Madwar*



**Minn Sergio GRECH**
**B.A.(Hons), P.G.C.E., M.A.**

Min segwa l-aħħar żewġ kitbiet tiegħi f'din il-pubblikazzjoni (2018 u 2019) jaf bl-interess tiegħi fl-istorja tal-partiti ż-żgħar f'Malta tal-perjodu tal-Indipendenza. Iż-żewġ kitbiet ikkonċentraw b'xi mod fuq il-partit tal-Avukat Herbert Ganado u konnessjonijiet mal-Mosta. Din id-darba sirt naf b'Paul Cuschieri – propjetarju ta' spiżerija ewlenija fil-Mosta li għada teżisti sal-lum – li kien ikkontesta l-elezzjoni tal-1966 mal-Partit tal-Ħaddiema Nsara ta' Toni Pellegrini. F'dan l-artiklu se nipprova ngħaqqad profil tiegħu.

Din il-kitba qed insawwarha primarjament fuq żewġ inkontri mal-familjari tas-Sur Paul Cuschieri – ibnu Mario u neputih David Cuschieri. Il-kitba komplejt nirfidha bl-esperjenzi u l-kummenti tas-sinjuri Frans Deguara, Saviour Dimech, Emily Barbaro-Sant, Hilary Vella, Giovann De Martino u l-Prof. George Cassar. Kien sa ċertu punt stramb il-fatt li minkejja li s-Sur Cuschieri kien persuna maħbuba fil-Mosta, f'dik li hi kitba ma sibt xejn dwaru. Nittama li dan l-artiklu jagħmel biżżejjed ġustizzja ma' dan l-ispiżjar maħbub.



*Paul Cuschieri (1912-1992)*
*(bil-kortesija ta' David Cuschieri)*

### Il-familja Cuschieri

In-negozju kien parti intrinsiku fil-ħajja tal-familja Cuschieri. Fl-1900, Pio Cuschieri (missier Paul Cuschieri tal-ispiżerija tal-Mosta) u ż-żewġ ħutu Vincenzo u Antonio, kienu ffurmaw kumpanija li semmewha *Giuseppe Cuschieri e Figlio*.[1] Giuseppe kien missier it-tliet aħwa. Din il-kumpanija kienet timporta ċereali u materjal ieħor li kien jinbiegħ bil-grossa.[2]

Jidher li mal-milja tas-snin il-kumpanija kienet miexja tajjeb ħafna. Biżżejjed ngħidu li fl-1903 sa kienu xtraw biċċa art li kienet tinkludi s-*Savoy Hotel*.[3] Din il-lukanda, illum f'qagħda mhux daqstant sabiħa, tinsab fil-quċċata ta' Rue D'Argens, il-punt fejn il-Gżira u Tas-Sliema jiltaqgħu.[4] Fl-1911, l-aħwa Cuschieri kienu ddeċidew li jillikwidaw il-kumpanija u qassmu l-assi bejniethom.

Pio Cuschieri miet fl-1931.[5] Pio nafu li kien joqgħod fi Triq San Pawl, il-Belt Valletta, triq ta' bosta binjiet u palazzini sbieħ kif ukoll it-triq tal-Kolleġġjata ta' San Pawl minn fejn ta' kull sena toħroġ l-istatwa Pawlina ta' Melchiorre Gafa magħmula mill-injam.

Mir-riċerki li għamel David Cuschieri, in-neputi ta' Paul Cuschieri, is-suġġett ta' din il-kitba joħroġ li f'waqt minnhom Pio kellu kuntatti ma' Mons. Ġużeppi de Piro (1877-1933) fi żmien li dan kien qed iwaqqaf is-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl.[6] Tmiss mal-art, fejn illum hemm il-kwartieri tal-MSSP fir-Rabat (Malta), kien hemm art ta' Pio Cuschieri. Fuq talba ta' De Piro, Pio tah biċċa minnha bħala donazzjoni.[7] Fl-1932, Mons. De Piro kien xtara l-art imsemmija mingħand l-eredi ta' Pio Cuschieri.

Iz-ziju tas-Sur Pawl l-ispiżjar tal-Mosta, in-negozjant Antonio Cuschieri, ħu Pio, kellu lil bintu Carmela miżżewġa lill-Prokuratur Legali Albert Mizzi, li kien imfittex ħafna u kien magħruf kemm kien ġellied biex jirbaħ il-kawżi fil-qorti. Antonio bosta drabi jidher li kien il-firmatarju tal-kuntratti li kienet qed tagħmel il-kumpanija msemmija hawn fuq.[8] Albert Mizzi kien ħabib tal-mexxej Nazzjonalista l-Avukat Nerik Mizzi, li kien eżiljat l-Uganda matul it-tieni gwerra dinjija, u li fl-1950 kien sar Prim Ministru ta' Gvern ta' Minoranza.[9] Jidher li żmien wara, il-Prokoratur Legali Albert Mizzi kien mexa politikament mal-Perit Duminku Mintoff.

Albert Mizzi kien jiġi bin Angelo Mizzi, li kien joqgħod Triq Żakkarija, il-Belt.[10] Angelo Mizzi kien tabib u kien mar Bengażi fil-Libja fuq missjoni medika fl-1893.[11] Fil-fatt uliedu, Albert u Alfred, twieldu l-Libja.[12] Alfred iktar tard fl-1915 waqqaf il-kumpanija *Alf Mizzi and Sons*.[13] Miż-żwieġ ta' Albert u Carmela Mizzi, kien hemm diversi tfal, fosthom Mary li żżewġet lil Wilfred Flores li kien jiġi ħu Joseph Flores,

id-Deputat Mexxej tal-*Malta Labour Party*. Joseph Flores iktar tard ħareġ mill-politika għax ma kienx qed jaqbel mal-proposta tal-Integration u ngħata post fil-ġudikatura lokali.



*Il-patri-filosofu Anastasju Cuschieri (1876-1962), li kien jiġi z-ziju ta' Paul Cuschieri.*

Ziju ieħor ta' Paul Cuschieri l-ispiżjar kien il-patri-filosofu Anastasju Cuschieri (1876-1962) li lokalment baqa' magħruf bħala l-poeta tal-Madonna u tal-Kelma Maltija.[14] Il-poeżija tiegħu, għalkemm tidher sempliċi, bosta drabi tkun qed taqbad ma' kunċetti filosofiċi ewlenin u kbar bħall-eżistenza. Fil-poeżija, Cuschieri jitkellem dwar il-faqar, l-inġustizzji tal-gwerer u l-mibgħeda bejn il-bnedmin. Fost l-oħrajn, il-patri Karmelitan kien daħal f'kunflitt filosofiku mal-famuż Benedetto Croce.[15] L-isem oriġinali tiegħu kien Pawlu. Ħafna jafu l-famuża poeżija tiegħu *Ilsien Pajjiżi*. Cuschieri għamel xi żmien Senatur f'isem il-Partit Nazzjonalista. Ganado jsemmi l-biża' kbir li Cuschieri kellu mis-sajjetti. Patri Anastasju qatta' xi żmien ukoll fil-kariga ta' Ċensur Teoloġiku. Il-filosofu Arthur Schopenhaeur influwenzah ħafna.

Ħu Paul Cuschieri l-ispiżjar, Anthony, kien iċ-*Chief Government Medical Officer*, (kariga li kienet tissejjaħ għall-qasir CGMO) bejn l-1968 u l-1970 meta Alexander (Sandy) Cachia Zammit kien Ministru tas-Saħħa wara l-Indipendenza ta' Malta fl-1964. Dik kienet kariga ta' ċertu prestiġju minbarra r-responsabbiltajiet marbuta magħha. Interessanti li Anthony kien studja Ruma fi żmien id-Duce Benito Mussolini imma qatt ma ħareġ xejn rigward inklinazzjonijiet politiċi ta' dik il-ħabta li seta' kellu kif kellhom Maltin oħra bħal Carmelo Borg Pisani.

Fiż-żminijiet meta Anthony kien CGMO, twettqu diversi riformi fil-kamp tas-saħħa u Cuschieri kien ammirat mill-Ministru msemmi għax fi kliemu kien miftuħ għall-ideat ġodda.[16] Anthony kien iżżewweġ lil Maria Ellul, bint il-Prof. Ġużè Ellul, li l-ispeċjalizazzjoni tiegħu kienet il-Ġinekoloġija. Ellul kien ikkontesta mingħajr suċċess l-elezzjoni tal-1947 f'isem il-*Malta Labour Party*. Anthony miet fl-2006.[17]

Paul Cuschieri twieled Santa Venera fit-30 ta' Jannar 1912, minn Pio Cuschieri u Annunziata nèe Calleja. Skont neputih David Cuschieri, is-Sur Pawl kien iħobb ħafna l-lingwa Taljana u bħat-Taljani kien iħobb ħafna l-għaġin. David jiftakar għand nannuh qattusa li kien jisimha *Suzy*. David kompla jispjega li nannuh l-ispiżjar Paul, "kien għallimni t-*times tables* kollha qabel ma għamilthom l-iskola u kien anke jgħallimni l-Matematika permezz ta' pitazzi apposta li kien juża għal dan l-iskop. Kien iħobb jisma' l-mużika klassika, iżda ma niftakarx li kellu xi *aria* jew sinfonija favorita. Meta kien jisma' xi mużika aktar moderna li ma togħġbux, kien jgħidilna, <Itfugħ dak il-jazz!>[18] Kien iħobb ħafna t-te bil-lumi. Paul kien kiseb *Pass with Distinction* f'kors tat-*typing*".[19]

**Iż-żwieġ ta' Paul Cuschieri ma' Concetta Zammit**

Paul Cuschieri, il-propjetarju tal-ispiżerija *St Mary's*, iżżewweġ lil Concetta Zammit nhar l-24 ta' Ġunju, 1944.[20] Kienu żżewġu fil-knisja ta' *St. Patrick's* f'Tas-Sliema u marru joqogħdu l-Mosta. Miż-żwieġ tagħhom kellhom tlett ulied – Anton, Doreen u Mario.

Concetta twieldet fl-20 ta' Settembru 1916, il-Ħamrun. Bint Lucrezio Zammit u Maria Antonia mwielda Gatt. Skont in-neputi tagħha, David Cuschieri, il-familja oriġinat Għawdex u kienet magħrufa bil-laqam 'Taż-żunżan.'[21] Oriġinarjament Concetta, isimha kien Marija, imma maż-żmien inbidel għal Concetta.

Miċ-ċertifikat tat-twelid tagħha, joħroġ li missierha kien negozjant għalkemm kien illitterat.[22] Fl-1939, Concetta kienet iggradwat fil-Farmaċija mill-Università Irjali ta' Malta[23] – ġest rari għal dawk iż-żminijiet. Anki l-għażla tas-suġġett aktarx ma tabbinahiex man-nisa u kien żmien meta wieħed ried iħallas għall-korsijiet. U ngħiduha kemm-il familja kienet tara jew toffri din il-possibbiltà għal tfajla li għada tibda d-dinja u aktarx kienet 'tissakkar' fiż-żwieġ. Fl-istess sena li ggradwat, Concetta ħadet il-*warrant* biex tkun tista' taħdem f'dak il-qasam.

Concetta kienet ta' spalla importanti għal żewġha fl-ispiżerija *St. Mary's* li kien fetaħ fil-pjazza ewlenija tal-Mosta, faċċata tal-Bażilika tal-Mosta. Għenet ukoll lill-ġenituri ta' David Cuschieri meta dawn kellhom spiżerija fis-snin tmenin tas-seklu XX fl-Imġarr.[24]

Skont binha Mario Cuschieri, ommu kienet l-ewwel mara f'Malta li kellha l-liċenzja li ssuq karozza.[25] Fil-fatt, il-familja għadha żżomm b'għożża sal-lum l-Austin 10 li kellha.[26] Fi kliem Mario, l-omm kienet hi li twassalhom l-iskola, il-Kulleġġ San Alwiġi tal-Ġiżwiti, bil-karozza.[27] Kienet ukoll ta' appoġġ kbir lill-Arċipriet Dun Joe Carabott fit-tmexxija tal-parroċċa Mostija.[28] Concetta mietet fl-1 ta' Mejju 2006, fid-dar *Pax et Bonum* fil-Mosta.[29]

**Il-memorja kollettiva dwar is-Sur Pawl u l-ispiżerija tiegħu**

Permezz tal-ispiżerija tiegħu fi Pjazza Rotunda, aktarx l-iktar post ċentrali fil-Mosta, quddiem il-Bażilika tal-Mosta ddedikata lit-Tlugħ fis-Sema ta' Marija, is-Sur Paul Cuschieri rnexxielu jidħol fil-ħajja tal-Mostin u tan-nies tal-irħula tal-madwar u jsir parti essenzjali fil-ħajja tagħhom billi jipprovdi servizz importanti u ewlieni biex ikun miġġieled il-mard u mfejjaq l-individwu.



*Il-bar 'The Duke of Connaught' fil-pjazza tal-Mosta jidher f'ritratt tal-Kungress Ewkaristiku fl-1913, li wara nfetaħ bħala l-ispiżerija St. Mary's.*

Is-Sur Pawl, kif il-Mostin kienu jafuh, dam nofs seklu jagħti s-servizzi tiegħu mingħajr ma kien jiċċaqlaq mill-ispiżerija, li għadha hemm sal-lum u *più o meno*, baqgħet l-istess għal dak li hu dekor, kif kienet fi żmienu.

Minn tagħrif li ġbart mingħand David Cuschieri, jidher li sal-1934, Paul Cuschieri kien jgħix il-Belt Valletta f'numru 225, Triq Sant'Ursola.[30] Fl-1935 kien fetaħ is-*St. Mary's Pharmacy*. Skont iben Paul, Mario, sena qabel Paul kien fetaħ spiżerija fi Triq il-Kungress Ewkaristiku u wara sena mexa għall-pjazza, il-Pjazza Rotunda.[31]

Minn riċerka li saret minn Saviour Dimech joħroġ li fl-1954, is-Sur Pawl xtara l-ispiżerija għall-prezz ta' £700 mingħand it-tfal ta' Clement Vella fosthom l-istoriku E.B. Vella. Oriġinarjament, Clement Vella kien xtara l-post fl-1926.[32] Iż-żewġ riċerkaturi sabu wkoll li l-post Clement Vella kien krieh biex jintuża bħala każin għall-partit ta' Strickland.[33] Mir-riċerki li għamel David Cuschieri joħroġ li l-binja oriġinarjament kien ta' Monsinjur Dr Michelangelo Mifsud.[34]

Mill-ispiżerija *St. Mary's* kienu jinqdew ukoll postijiet bħall-Mellieħa, l-Imġarr, u l-Għargħur, fejn kienet għadha ma fetħitx spiżerija waħda![35]

Sakemm Paul iżżewweġ lil martu Concetta, kien juża s-servizzi tal-ispiżjar Woodcook, peress li Paul, differenti għal martu, ma kienx gradwat fil-Farmaċija. Meta żżewweġ lil martu mbagħad dak ix-xogħol bdiet tagħmlu hi.[36] Għax is-Sur Pawl propjament kien *assistant apothecary*,[37] u fetaħ l-ispiżerija l-Mosta qabel ma żżewweġ.

**Kif jiftakruh**

Fi kliem Emily Barbaro-Sant, is-sur Paul kien karattru "simpatiku ħafna, dejjem bi tbissima u jilqa' u jgħin lil kulħadd. Dejjem pulit, bl-*overall* bajda. Magħruf mill-Mostin bħala s-Sur Pawl". Barbaro-Sant kompliet tirrakkontali li "t-tfal tiegħi kienu bl-imħatra bejniethom biex jidħlu jixtru mingħandu, għax kienu jiggustawh jagħmel il-kontijiet bit-Taljan.



*'Is-Sur Pawl', kif kulħadd kien jafu, jidher fl-ispiżerija tiegħu li fetaħ fil-Mosta fl-1935.*
*(bil-kortesija ta' David Cuschieri)*

Kienu jgħidulu l-*venti cinque*, għax hu u jgħodd donnu kien jagħmel enfasi fuq dan in-numru. Jekk kienx il-favorit tiegħu, ma nafx. Imma meta kienu jisimgħuna ngħidu li għandna bżonn xi ħaġa mingħand l-ispiżjar, it-tfal kienu jaqbżu: <Mamà mingħand il-*venti cinque*? Immur jiena>. Biex nevitaw xi gwerra mondjali, konna nibagħtuhom skont meta jmisshom. Imbagħad kienu joħorġu mill-ispiżerija jidħqu kemm jifilħu – ta' tfal li kienu! Kienu jgħidu bejniethom… u lilna: <Qalha ta l-*venti cinque*!>"[38]

Fi kliem Giovann de Martino, is-Sur Paul Cuschieri kien "dejjem frisk bħall-ħassa. Wiċċu dejjem imbissem. Kien magħruf għall-paċenzja ta' Ġobb li kellu, għas-serjetà u għad-dedikazzjoni f'xogħlu u għall-kapaċità li kellu li jgeżwer pakkett jew flixkun ġo karta iżgħar mill-istess pakkett jew flixkun! U l-pulitizza tat-tqartis tiegħu!"[39]

Frans Deguara kkonferma l-istess impressjonijiet tas-Sur Pawl li qalu ż-żewġ sorsi ta' fuq, u kompla li "anki jien kont nieħu pjaċir meta ommi (Alla jaħfrilha) kienet tibgħatni mmur nixtri mingħandu. Fi tfulitna konna noqogħdu eżatt faċċata tad-dar tas-Sur Pawl u martu Concetta, flimkien ma' wliedhom fi Triq il-Kostituzzjoni, kantuniera ma' Triq il-Wied (fuq il-lemin int u sejjer lejn Casa Arkati). Niftakru dejjem jitbissem waqt li jaqdik, nadif tazza, u konna nistagħġbu

kemm kien idum biex jaqdina… ovvjament għax kien ikollu jlesti l-pilloli. Kien jimpressjonani kemm kien Taljanizzat, xi ħaġa 'stramba' għalina dak iż-żmien, kulħadd filo-Ingliż… u forsi kienet l-ewwel xintilla li nibda nsir inħobb il-lingwa Taljana, li wara studjajtha meta kont nattendi s-Seminarju Minuri. Lis-Sinjura Concetta konna nammirawha ħafna, anke għall-fatt li kienet issuq il-karozza, sewda. Kienet xi ħaġa rarissima dak iż-żmien biex tara mara issuq, qed ngħidu fil-bidu tas-sittinijiet tas-seklu l-ieħor. Niftakar ukoll li darba, forsi kelli dawk is-7 snin, kont mal-familja naraw id-dħul tal-purċissjoni ta' Santa Marija minn quddiem l-ispiżerija. F'daqqa waħda ndunajt li kien waqagħli ċ-ċurkett tad-deheb fil-grada li hemm taħt l-għatba tal-ispiżerija. Kien jiġini ftit kbir, u niftakar li kellu biċċa stikka ħalli jiċkien ftit. Naturalment l-ispiżerija kienet magħluqa. L-għada ommi marret tgħid lis-Sur Pawl. Qalilha li kif ikollu ċans ifittex sewwa, u terġa' tgħaddi. Imma meta reġgħet marret, lill-ommi qalilha li ma kienu sabu xejn… u bqajt bla ċurkett! Kien iddispjaċieni ħafna, kont qlajtu fil-preċett."[40]

Fil-ħanut is-Sur Pawl kellu l-laboratorju fejn kien jieħu l-ħin kollu tiegħu biex iħallat u jlesti l-mediċina. Fi kliem ibnu Mario, "ġieli anki għamel hemm ġew, kwarta jew għoxrin minuta fuq riċetta waħda fi żmien meta l-mediċini kienu rħas ħafna".[41] Kif kien spjegali t-tabib Alexander Cachia Zammit, "dak kien żmien meta l-ispiżjara riedu jagħmlu kollox huma. Pilloli tagħmilhom int. Suppożitorji tagħmilhom inti. Il-misturi kien iħawwadhom hu. Il-*powders* trid tagħmilhom inti".[42] De Martino jirrakkonta inċident li s-Sur Pawl kellu ma' klijenta partikolari, "darba kien hemm mara li l-kalma tas-Sur Pawl, milli jidher, qabbiżhielha u bdiet tgerger. Is-Sur Pawl semagħha u qalilha bil-kalma tipika tiegħu, <eh, sinjura, mela jien hawn qed inbiegħ il-kunserva? Ma tafx li żball tiegħi jista' jibagħtek għand il-Bambin qabel il-waqt?"[43]

Tant l-ispiżerija kienet saret ħajtu, li s-Sur Pawl kien jgħaddi l-ġurnata kollha fiha waqt li martu kienet teħodlu l-ikel l-ispiżerija u hu għal ftit kien jidħol ġewwa jiekol fuq mejda u pultruna. Kien hemm żmien meta lanqas is-Sibtijiet u l-Ħdud ma kienu jagħlqu.[44]



*Mario Cuschieri, iben is-Sur Pawl, li mexxa għal ħafna snin l-ispiżerija St. Mary's.*

Fi żmien it-tieni gwerra dinjija, meta t-Taljani kienu jattakkaw lil Malta, Paul kien jibqa' fl-ispiżerija imma meta bdew ġejjin il-Ġermaniżi kien beda juża x-xelter ta' Frank Calleja waqt l-*air raids* li kien viċin l-ispiżerija.[45] Dan kellu x-xelter numru 124 li kien jinsab fi Triq il-Kungress Ewkaristiku.[46] Ix-xelter kien privat. Ma ninsewx ukoll li qrib il-Bażilika hemm xelter ieħor li tidħol għalih minn quddiem id-dar tal-Arċipriet u toħroġ minn ħdejn il-*parking area*, viċin l-istejġ jew viċi versa.

Fl-ispiżerija sal-lum wieħed jista' jara żewġ splinters tal-gwerra. Il-bini nnifsu imma ma ġiex affetwat. Dan kien żmien ta' ħafna faqar u dik il-ħabta l-ispiżjar fosthom is-Sur Pawl kien iħallat l-ingwent għall-ħakk għax kien hawn ħafna ħakk f'daż-żmien.

Skont Giovann de Martino, għand is-Sur Pawl, filgħaxija kien iħobb ipoġġi s-Sur Cauchi, membru ewlieni fil-Kamra tal-Kummerċ, "dejjem bil-ġlekk u biċ-ċoff. U barra bil-lobbja".[47] Din m'għandhiex tgħaġġibna għaliex dari l-ispiżeriji kienu l-lokal fejn jiltaqgħu l-irjus tar-raħal bħall-kappillan, l-ispettur tal-pulizija u l-kumplament. Ibnu Mario jsemmi anki lill-Markiż Mallia Tabone fost sħab missieru.[48]

Il-klijenti xħin jidħlu għandu kellhom it-tendenza li jiġbdu purtiera li kellu fil-bieb biex dak li jkun għaddej minn barra ma jkunx jaf li huma morda jew x'tip ta' mard kellhom.[49]

Fi żmien is-Sur Pawl, kien ipoġġi fil-klinika fuq l-ispiżerija d-dentist J.H. Mercieca, il-Prof. D'Amato tal-għajnejn, il-Prof. Pier D'Amato (ENT), Agius Ferrante tat-tfal, Fredrick Fenech tal-intern u Eddie Agius tal-maternità. Dawn ibnu Mario jiftakarhom bl-iktar mod ċar fil-klinika fuq. Speċjalment jiftakar lil Agius "li kien ikollu nies bl-għama".[50]

Kien hemm żmien meta n-numru tat-telefon tal-ispiżerija kien 1336.[51]

### Il-Partit tal-Ħaddiema Nsara

Fi Frar 1961, Toni Pellegrini kien irriżenja minn Segretarju Ġenerali tal-Partit Laburista u waqqaf formazzjoni politika ġdida msejħa l-Partit tal-Ħaddiema Nsara, li sabet il-kunsens tal-Arċisqof Mikiel Gonzi kif kien sab l-Avukat Herbert Ganado. Wieħed mill-iktar li ħabrek għall-partit ta' Pellegrini, kien il-Kapuċċin Feliċjan Bilocca, mill-Furjana, u li fis-snin ħamsin tas-seklu XX kien kappillan tal-Marsa.

Fi stqarrija li kien ħareġ meta kien irriżenja mill-Partit Laburista, Toni Pellegrini kien sostna li Duminku Mintoff kien imexxi waħdu u min ma jaqbilx miegħu, Mintoff kien isejjaħlu traditur.[52] Dik ir-riżenja fost l-oħrajn sabet l-appoġġ tal-gazzetta *The Bullettin* u kienet iddeskriviet l-att ta' Pellegrini bħala elettrifikanti.[53] Wisq probabbli anki għall-fatt li fl-istorja politika tal-Perit Mintoff, kienu ftit ħafna minn ta' madwaru li ħarġu x-xabla għalih. Dik il-ħabta, Pellegrini kien stmat ta' eroj li kien kuraġġuż biżżejjed biex jieqaf lil Mintoff. Kienu diversi forzi fil-Knisja li emmnuh, inkluż l-Arċisqof Gonzi.

Xahar qabel ir-riżenja mill-Partit Laburista, Pellegrini kien qed jidher f'għajnejn l-Ingliżi bħala dgħajjef u persunaġġ bla importanza ta' xejn.[54]







*L-ispiżerija St. Mary's fil-pjazza tal-Mosta fl-2018… u kif kienet tidher mill-bieb tal-ġenb fi Triq il-Kungress Ewkaristiku.*

Sadanittant il-borma kompliet titħawwar bl-akkuża ta' Anton Buttigieg, li dak iż-żmien kien Deputat Kap tal-Partit Laburista, fil-konfront ta' Pellegrini fejn akkużah li hu nnifsu kien jiftaħar li kien ilu 25 sena ma jidħol fi knisja.[55] Jidher li anki l-ekonomista l-Prof. Dun Renato Cirillo kien qed jgħin lil Pellegrini.[56] Mintoff kien beda jħaddem il-metafora ta' 'Żrinġ' fejn jidħol Pellegrini.[57] L-għan kien ċar. B'metafori bħal dawn, seta' jċekknu u jirredikolah.

Kien hemm ukoll min akkuża lil Pellegrini li kien qed jipprova jirkeb fuq il-karru taż-Żgħażagħ Ħaddiema Nsara meta semma l-partit tiegħu, Partit tal-Ħaddiema Nsara.[58] Pellegrini kien jippubblika l-gazzetta *It-Tarka*, li kien jiktbulha mill-bidu sal-aħħar Walter Zahra u Effie Mifsud.[59]

### Id-dħul ta' Paul Cuschieri fil-politika

Iż-żewġ partiti, ta' Ganado u ta' Pellegrini, kienu kkontestaw l-elezzjonijiet ġenerali tal-1962 u tal-1966. It-tnejn tellgħu erba' siġġijiet fl-1962 imma t-tnejn fallew għal kollox fl-1966.

Fit-tim ta' Pellegrini ssieħbu nies bħall-poeta George Zammit, Emidio Caruana u Emilio Camilleri. Lil Ġużè Aquilina kienu talbuh jikkontesta l-elezzjoni tal-1962 f'isem il-Partit tal-Ħaddiema Nsara imma ma aċċettax.[60] Jidher li għall-elezzjoni tal-1966, kien hemm diġà ċertu pessimiżmu li l-partit ta' Pellegrini mhu se jasal imkien. Fil-fatt hekk kien irreġistra sa minn Jannar 1965, Patri Feliċjan Bilocca.[61] Il-patri kien reġa' ħareġ ifittex il-kandidati għall-elezzjoni ġenerali tal-1966.[62]

Fost il-kandidati, fil-lista ta' Pellegrini tal-1966, kien hemm Paul Cuschieri. Oħt Paul, Carmelina (Meme) kienet iżżewġet lill-Avukat George Zammit, li kien President tal-Partit Ħaddiema Nsara. Meta staqsejt lil David Cuschieri, jekk jaħsibx li kien hemm xi membri tal-kleru li ġibdu lil nannuh Paul lejn il-politika, kif sar pereżempju fil-każ tat-Tabib Daniel Micallef tar-Rabat (Malta), hu weġibni li iktar jissuspetta li kien George Zammit li ġibdu f'dik it-triq. Anki minħabba l-familjarità ta' bejniethom.[63] Ibnu Mario jaqbel ukoll mal-analiżi ta' David.[64] Jidher li Paul kien sostenitur qawwi tal-proposta elettorali tal-1966 tal-partit imsemmi li titneħħa l-*income tax*.[65]

F'dik l-elezzjoni, il-partit kien issellef il-motto li l-Ġunta Djoċesana tal-Għaqdiet tal-Lajċi użat fl-1962 u beda jxerridha li Alla magħhom u se jirbħu. Skont il-propaganda ta' dan il-partit jekk jirbaħ Pellegrini, kellha tirbaħ Malta. Paul Cuschieri kien tkellem f'*meeting* fl-Imġarr u l-Mosta, u skont ibnu Mario, id-diskors kien kitibhulu George Zammit, li ħafna jafuh bħala awtur u poeta ta' ħila.[66] Mario jsemmi li ommu kienet mal-partit ta' Mabel (Strickland).[67] Li hu interessanti minn riċerka li għamilt, sibt li George Zammit qabel ma daħal fil-Partit ta' Pellegrini kien membru mħallas tal-Partit Demokratiku Nazzjonalista ta' Dr. Herbert Ganado.

Fl-1966, Paul Cuschieri kien ikkontesta fuq id-disa' distrett, li dik il-ħabta kien magħmul mir-Rabat, l-Imdina, il-Mosta, il-Mellieħa, l-Imġarr u San







*Paul Cuschieri kkontesta l-elezzjoni ġenerali tal-1966 fuq id-disa' distrett, mal-partit ta' Toni Pellegrini, il-Partit tal-Ħaddiema Nsara. Jidhru żewġ 'flyers' ta' propaganda. (bil-kortesija ta' David Cuschieri)*

Pawl il-Baħar. Jidher li tal-inqas ħareġ żewġ fuljetti propagandisti jappella għall-vot tan-nies. Fuq wieħed minnhom taħt ir-ritratt tiegħu u taħt ismu niżżel sempliċiment 'Sur Pawl Mosta'. Wieħed mill-fuljetti kien ġie stampat għand il-Vexillina Press, tar-Rabat.

F'dik l-elezzjoni kkontestaw ħames partiti. Fost il-kandidati l-iktar b'saħħithom fid-distrett kien hemm George Borg Olivier, Ġużi Spiteri, Mabel Strickland, Pawlu Xuereb u Freddie Micallef. Il-PĦN f'dak id-distrett, barra lil Cuschieri ħareġ 5 kandidati oħra, l-istess ammont ta' kandidati li kellu l-PN. Il-maġġoranza distrettwali marret għand il-PN li rebaħ tliet siġġijiet minn ħamsa. Cuschieri ġab 72 vot.

L-elezzjoni kienet imqassma fuq 3 ijiem, u skont il-*Malta News* tat-28 ta' Marzu 1966, fit-tieni jum kien ivvutaw ftit iktar minn 83% tal-popolazzjoni eliġibbli li tivvota. Imma din tal-politika, jidher li kienet esperjenza ta' darba għal Paul Cuschieri.

Is-Sur Pawl miet fil-21 ta' Marzu, 1992. Il-ħasra hi li sal-lum għad ma hemmx imqar triq fil-Mosta, wieħed mill-ikbar rħula f'Malta, li tfakkar il-memorja ta' dar-raġel li seraq il-qlub ta' tant Mostin.

*© Ritratti mill-kollezzjoni ta' David Cuschieri.*

**Referenzi**


1 Intervista ma' David Cuschieri, 11 ta' Lulju 2019, Triq Nofsinhar, il-Belt Valletta.
2 Ibid.
3 Ibid.
4 Ara https://www.guidememalta.com/en/could-the-historic-savoy-hotel-in-gzira-be-restored-following-last-week-s-fire. Aċċessata 21 ta' Jannar, 2020.
5 Intervista ma' David Cuschieri, 11 ta' Lulju 2019, Triq Nofsinhar, il-Belt Valletta.
6 Dwar it-twaqqif tal-MSSP ara Fabian Mangion, '*Mgr De Piro: A Sincere and a Genuine Patriot*' f'https://timesofmalta.com/articles/view/mgr-joseph-de-piro-a-sincere-and-genuine-patriot.711692. Aċċessata 25 ta' Jannar, 2020.
7 Intervista ma' David Cuschieri, 11 ta' Lulju 2019, Triq Nofsinhar, il-Belt Valletta.
8 Ibid.
9 Bħala introduzzjoni għal Nerik Mizzi ara, Henry J. Frendo, *Nerik Mizzi: The Formative Years* f'https://www.um.edu.mt/library/oar/bitstream/123456789/24836/1/Nerik%20Mizzi-the%20Formative%20Years.pdf. Aċċessata 24 ta' Jannar, 2020.
10 Intervista ma' David Cuschieri, 11 ta' Lulju 2019, Triq Nofsinhar, il-Belt Valletta.
11 Dwar il-missjoni f'Benghażi, ara Albert Ganado, 'A Maltese Medical Mission to Benghazi in 1893,' f'https://timesofmalta.com/articles/view/a-maltese-medical-mission-to-benghazi-in-1893.358087. Aċċessata 21 ta' Jannar, 2020.
12 Intervista ma' David Cuschieri, 11 ta' Lulju 2019, Triq Nofsinhar, il-Belt Valletta;
13 Ara https://amsm.com.mt/. Aċċessata 21 ta' Jannar, 2020.
14 Ara https://akkademjatalmalti.org/bijografiji/anastasju-cuschieri/. Aċċessata 21 ta' Jannar, 2020.
15 Ara Charles Coleiro, 'Kif Niftakar lill-Prof. Anastasju Cuschieri' f'https://www.um.edu.mt/library/oar/bitstream/123456789/35641/1/Kif%20niftakar%20lill-Profs%20Anastasju%20Cuschieri.pdf. Aċċessata 21 ta' Jannar, 2020.
16 Sergio Grech, *It-Tabib Sandy* (Malta, Kite, 2013), p. 168.
17 Ara https://timesofmalta.com/articles/view/social-and-personal.66950. Aċċessat 21 ta' Jannar, 2020.
18 Komunikazzjoni ma' David Cuschieri, 1 ta' Frar, 2020.
19 Ibid.
20 David Cuschieri, '*The Love of Learning against All Odds*,' *Times of Malta,* 22 t'Awwissu, 2019, p. 16.
21 Ibid.
22 Ibid.
23 Ibid.
24 Ibid.
25 Intervista Mario Cuschieri, Mosta, 19 ta' Lulju, 2019.
26 Ibid.
27 Ibid.
28 Mons. Carabott miż-Żejtun kien ukoll Arċipriet ta' M'Skala.
29 David Cuschieri, '*The Love of Learning against All Odds*,' *Times of Malta,* 22 t'Awwissu, 2019, p. 16.
30 Intervista ma' David Cuschieri, 11 ta' Lulju 2019, Triq Nofsinhar, il-Belt Valletta.
31 Intervista Mario Cuschieri, Mosta, 19 ta' Lulju, 2019.
32 E-mail mingħand Frans Deguara, 21 ta' Marzu 2020.
33 Ibid.
34 Kommunikazzjoni ma' David Cuschieri, 29 ta' Mejju 2020.
35 E-mail mingħand Frans Deguara, 21 ta' Marzu 2020.
36 Ibid.
37 Ibid.
38 Skambji ta' emails, Lulju 2019.
39 Skambji ta' emails, Ġunju 2019.
40 E-mail mingħand Frans Deguara, 21 ta' Marzu, 2019.
41 Intervista Mario Cuschieri, Mosta, 19 ta' Lulju, 2019.
42 Sergio Grech, *It-Tabib Sandy, op.cit*, p. 55.
43 Skambji ta' emails, Ġunju 2019.
44 Intervista Mario Cuschieri, Mosta, 19 ta' Lulju, 2019.
45 Ibid.
46 George Cassar, "Raħal fi Gwerra: il-Mosta matul it-Tieni Gwerra Dinjija /A Village at War: Mosta during the Second World War,' f'George Cassar (ed.) *Ex Annalibus Mustæ* (Malta, Soċjetà Filarmonika Santa Marija, Mosta, 2005) pp.161-212.
47 Intervista Mario Cuschieri, Mosta, 19 ta' Lulju, 2019.
48 Intervista Mario Cuschieri, Mosta, 19 ta' Lulju, 2019.
49 Ibid.
50 Ibid.
51 Ibid.
52 Sergio Grech, *Patri Feliċjan Bilocca: Ħajtu u Żminijietu* (Malta, Outlook, 2004), p. 156.
53 Ibid.
54 Ibid.
55 Ibid.
56 Ibid.
57 Ibid., p. 160.
58 Ibid., p. 162.
59 Tagħrif mingħand Trevor Zahra.
60 Sergio Grech, *Patri Feliċjan Bilocca: Ħajtu u Żminijietu* (Malta, Outlook, 2004), p. 161.
61 Ibid., p. 162.
62 Ibid., p. 164;
63 Intervista ma' David Cuschieri, 11 ta' Lulju 2019, Triq Nofsinhar, il-Belt Valletta.
64 Intervista Mario Cuschieri, Mosta, 19 ta' Lulju, 2019.
65 *It-Tarka*, 24 ta' Frar, 1966.
66 Intervista Mario Cuschieri, Mosta, 19 ta' Lulju, 2019.
67 Ibid.